Minuti tal-Laqgħa Nru.23 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 26 ta' April 2006 fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Jum Ħal Luqa --- Programm
6. Sotto-Kumitat - Xelter
7. Estimi Finanzjarji 2006/2007 u Pjan ta' Ħidma 2006/2009
8. Rapport Finanzjarju Jannar/Marzu 2006
9. Financial Statements 2005/2006
10. Mozzjonijiet
11. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri u ssekondata mis-Sinjura Monica Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-26 ta' April 2006, fosthom :

a) Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tinforma lill-Kunsill Lokali li t-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' Sit fi Triq San Tumas għall-iżvilupp ta' kumpless sportiv kienet tressqet quddiem id-Direttur Generali tat-Taqsima Propjeta' tal-Gvern. Hawnhekk il-Kunsill qabel ma' proposta tas-Sur Victor Caruana biex tintalab laqgħa mal-Ministru Tonio Borg dwar it-talbiet tal-Kunsill għad-devoluzzjoni u items oħra.
b) Talba mill-Iskola "Maria Goretti', Tarxien, għal donazzjoni ta' premjijiet għall-Prize Day li se ssir il-Ħamis, 4 ta' Mejju 2006 fis-6 p.m. u li għaliha ġie mistieden is-Sindku. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-istess donazzjoni ta' kotba bħas-snin ta' qabel.
c) Ittra li tistieden lill-Kunsill jipparteċipa fil-Wirja Agrarja li se ssir is-Sibt u l-Ħadd, 6 u 7 ta' Mejju 2006 fil-Ġonna ta' San Anton. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem u nkariga lis-Sur Victor Caruana biex jorganiżża l-qoffa.
d) Ittra tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tinnota b'sodisfazzjon il-kummenti tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li ngħataw bi tweġiba għal investigazzjoni li saret dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fl-operat tal-Kunsill.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa x'ġara minn dawk is-siġar li għandu jagħti Polidano Group lill-Kunsill bħala kumpens għas-siġar protetti li qered. Is-Sindku wieġeb li kumbinazzjoni l-Ġimgħa, 28 ta' April 2006 fl-10.00 a.m. għandu laqgħa ma' Charles Polidana fuq l-estensjoni proposta għall-impjant li għandhom f'Ħal Farruġ. Qal ukoll li waqt il-laqgħa jqajjem is-suġġett tas-siġar. Hawn stieden lill-Kunsillieri biex kull min jista' jattendi wkoll għal din il-laqgħa.

## 5. JUM ĦAL LUQA

5.1 Għal Jum Ħal Luqa li jaħbat nhar il-15 ta' Mejju 2006, il-Kunsill fassal programm li, fost oħrajn, jinkludi Quddiesa ta' Radd il-Ħajr il-Ħadd, 14 ta' April fis-6.30 p.m. bil-parteċipazzjoni tal-Kor. Tlugħ tal-Bandiera, Korteo u Tqegħid ta' Fjuri fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fis-6.30 p.m. Wara, fis-Sala Kommunitarja jingħata l-premju "Ġieħ Ħal Luqa" u ssir reception ta' l-okkażjoni.

5.2 Bħala attivitajiet relatati ma' din l-okkażjoni se ssir 'Open Day' tax-xelter (jumejn) u wirja mill-Għaqda tal-Vetturi. Ġie deċiż ukoll li jsiru souveniers ta' tifkira lill-parteċipanti. Il-Kunsill inkariga lis-Sur Victor Caruana bit-tħejjija ta' dawn l-attivitajiet.

## 6. SOTTO – KUMITAT - XELTER

6.1 Is-Sindku qal li, kif diġa kellu l-okkażjoni jsemmi pubblikament, hija l-intenzjoni tal-Kunsill li jitwaqqaf sotto-kumitat mill-għaqdiet kollha tar-raħal sabiex ix-xelter jitgawda mill-poplu kollu ta' Ħal Luqa. Huwa qal li dan is-sotto-kumitat jitwaqqaf hekk kif issir d-devoluzzjoni tax-xelter mill-awtoritajiet ċentrali. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 7. ESTIMI 2006/2007 U PJAN TA' ĦIDMA 2006/2009

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għad-diskussjoni l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2006/2007 kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għat-tliet snin li ġejja (2006-2009)

7.2 Wara diskussjoni li matluha saru numru ta' mistoqsijiet u li għalihom ingħataw tweġiba, il-Kunsill unanimament approva ż-żewġ rapporti.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU JANNAR/MARZU 2006

8.1 Wara diskussjoni fuq dan ir-rapport li jiġbor fih il-ħidma finanzjarja tal-Kunsill għall-perijodu ta' Jannar/Marzu 2006, il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju kif ipprezentat mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9. FINANCIAL STATEMENTS 2005/2006

9.1 Meta ppreżenta l-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2006, is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-eżerċizzju li sar joħroġ li l-Kunsill se jkollu bilanċ favorevoli, tant li flus il-bank se jkollu Lm102,000 u surplus ta' aktar minn Lm30,000.

9.2 Wara diskussjoni li matulha ngħataw dettalji dwar numru ta' punti, il-Kunsill unanimament approva l-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2005/2006.

## 10. MOZZJONIJIET

10.1 Mozzjoni mressqa mis-Sur Victor Caruana u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid: **li l-Kunsill japprova li l-unur ta' "Ġieħ Ħal Luqa" għas-sena 2005/2006 jingħata lil Mons. Dun Innoċenz Borg.**

10.1.i Wara ntervent qasir mis-Sur Caruana fuq il-mozzjoni, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

10.2 Mozzjoni mressqa mis-Sur Silvio Schembri u ssekondata mis-Sur Raymond Saliba tgħid: **li l-Kunsill japprova żieda ta' apparat għall-playing-field ta' Misraħ Iż-Żgħażagħ, kif ukoll jiġi nstallat id-dawl elettriku u s-servizz ta' CCTV fl-istess inħawi tal-playing-field.**

10.2.i F'intervent li għamel is-Sur Silvio Schembri qal li fil-playing-field li għaliha tirreferi l-mozzjoni hemm spazju li jiflaħ żieda ta' aktar apparat li bih jistgħu jgawdu t-tfal, filwaqt li bl-istallazzjoni tas-CCTV in-nies jibdew jifhmu li jridu joqogħdu attenti u jibżgħu aktar għall-apparat. Dan jiġi msaħħaħ b'aktar dawl fil-playing-field.

10.2.ii F'intervent tas-Sur Victor Caruana intqal li għal ftit flus il-Kunsill għandu jara li jinbidel il-fence li jdawwar il-pitch tal-Boċċi u jsir aħdar u mhux orange li jistona ma' l-inħawi. Il-Kunsillier Silvio Schembri qal li dwar dan lest li jkellem lill-Kumitat tal-Pitch tal-Boċċi.

10.2.iii Wara li ġie deċiż li s-Sur Silvio Schembri jġib stimi għal żieda fl-apparat tal-playing-field, u wara li ġie deċiż li jinġiebu stimi għas-CCTV, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

## 11. ĦLASIJIET

11.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-26 ta' April 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Mejju 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa  LQA 03